

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri dwar il-falliment u l-Insolvenza
Reġistri dwar il-falliment u l-Insolvenza

Franza

X'joffri r-reġistru tal-insolvenza Franċiż?

Franza m'għandha l-ebda reġistru speċifikament iddedikat għall-insolvenza. Hija għandha diversi reġistri li fihom deċiżjonijiet dwar l-insolvenza tad-debituri. Dawn jinkludu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ jew l-estensjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza, l-estensjoni tal-perjodu ta' osservazzjoni, il-konverżjoni tal-proċedimenti, it-terminazzjoni jew l-emenda ta' pjan ta' ristrutturar jew l-għeluq ta' proċedimenti, jew deċiżjonijiet li jiddikjaraw persuna falluta jew skwalifikata milli tmexxi kumpanija. L-ismijiet tal-uffiċjali ġudizzjarji jingħataw ukoll.

Ir-reġistri eżistenti huma:

Ir-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji (*registre du commerce et des sociétés*), għal negozjanti li huma persuni fiżiċi u għal kumpaniji kummerċjali;

Ir-reġistru tan-negozji (*répertoire des métiers*) għal professjonisti tal-artiġjanat/tal-kummerċ li huma persuni fiżiċi jew ġuridiċi;

Ir-reġistru tan-negozju (*répertoire des entreprises*) fid-dipartimenti ta' Bas-Rhin, Haut-Rhin u Moselle, għal impriżi tal-artiġjanat li jinsabu hemmhekk;

Ir-reġistru tal-biedja (*registre de l'agriculture*) għal impriżi agrikoli.

Barra minn hekk, uħud mid-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq huma ppubblikati fil-Bullettin Uffiċjali tal-avviżi ċivili u kummerċjali (*Bulletin officiel des annonces civiles et commerciales*) u f'ġurnal ta' avviżi legali.

Kif tfitteix fir-reġistru tal-insolvenza Franċiż

L-informazzjoni f'ġurnali ta' avviżi legali, il-Bullettin Uffiċjali ta' avviżi ċivili u kummerċjali u r-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji huwa ċentralizzat mill-“*Publicité Légale des Entreprises*”, portal pubbliku li jagħti aċċess għall-informazzjoni legali tal-kumpaniji aċċessibbli permezz ta': <https://www.bodacc.fr/>

Ir-reġistru tal-insolvenza Franċiż huwa mingħajr ħlas?

L-informazzjoni msemmija hawn fuq hija mingħajr ħlas.

X'inhu l-perjodu kopert mir-reġistri tal-insolvenza Franċiżi?

Il-portal jista' jintuża biex taċċessa avviżi legali ppubblikati mill-1 ta' Jannar 2010 u affarijiet ippubblikati fil-Bullettin Uffiċjali ta' avviżi ċivili u kummerċjali mill-1 ta' Jannar 2008.

Is-sit web tar-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji jinsab hawnhekk: <https://www.infogreffe.fr/>

Ħafna mill-informazzjoni li fih tista' tiġi aċċessata bi ħlas.

L-aħħar aġġornament: 21/08/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.